MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 280/2010

**Park Hotel Limited**
**(C - 10203)**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-26 ta’ Marzu, 2010, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament issottomettiet is-segwenti:

1. Illi permezz ta’ sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili datata t-13 ta’ Gunju, 2001, fl-ismijiet indikati fil-paragrafu numru 1 tal-istess rikors promotur, is-socjeta`

rikorrenti kienet giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited fl-ammont hemm ukoll indikat;

2. Illi in vista tal-istess, fl-2001 is-socjeta` rikorrenti iskriviet zewg ipoteki – wahda generali u ohra specjali – fil-konfront tas-socjeta` debitrici ndikata fil-paragrafu precedenti ghall-ammont indikat;

3. Illi fl-2003, il-Bank intimat istitwixxa procedura ta' subbasta fil-konfront tas-socjeta` Incoming Bureau Limited fejn talab irkant ta' blokk t'appartamenti ndikat fl-istess rikors promotur, u dan, a bazi ta' titolu ezekuttiv kristallizzat wara ittra ufficcjali in segwitu ghal kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Dottor Bartholomeo Micallef tas-26 ta' Gunju, 2002;

4. Illi permezz tal-imsemmi kuntratt is-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited ikkostitwiet ruhha debitrici tal-bank indikat intimat fl-ammont ta' mija u hamsa u erbghin elf, hames mija u ghoxrin Lira Maltin, (LM145,520.00), ekwivalenti ghal tlett mija u tmienja u tletin elf, disa' mija u sebghin Ewro u tnejn u erbghin centezmu, (€338,970.42);

5. Illi in garanzija tal-istess kreditu l-istess socjeta` debitrici ipotekat il-fond indikat fl-istess rikors;

6. Illi permezz ta' subbasta konkluza l-21 ta' Marzu, 2006, l-istess fond riferit fil-paragrafu precedenti kien liberat favur Robertino Bonello u Joseph Sammut fi kwoti ugwali u ghall-prezz hemm ukoll indikat;

7. Illi a bazi tal-istess subbasta, l-imsemmija Bonello u Sammut iddepozitaw il-prezz dovut;

8. Illi eventwalment giet ordnata l-apertura tal-konkors tal-krédituri tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited fuq l-ammont hekk depozitat;

9. Illi a bazi tas-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata d-9 ta' Novembru, 2009, il-Kumissarju tat-Taxxi Nterni kien ordnat jizbanka l-ammont

indikat fil-paragrafu numru 8 tar-rikors promotur, filwaqt li l-bank de quo kien awtorizzat jizbanka l-bilanc;

10. Illi s-socjeta` rikorrenti ma dehritx fil-proceduri tas-subbasta in dizamina u lanqas ippartecipat fil-konkors riferit aktar qabel;

11. Illi s-socjeta` rikorrenti ssostni li d-drittijiet taghha huma jew daqs jew superjuri ghall-bank intimat u konsegwentement talbet, li din il-qorti:

i. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti ghandha jedd daqs jew aqwa minn dak tas-socjeta` ntimata ghall-flus li l-bank intimat gie awtorizzat jizbanka;

ii. Tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti;

iii. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tizbanka s-somma hekk likwidata jew ohra verjuri;

iv. "In subsidium", tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas lil dik rikorrenti s-somma hekk likwidata, jew ohra verjuri, skont kif tiddeciedi din l-istess qorti;

v. Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra s-socjeta` ntimata;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` ntimata datata t-22 t'April, 2010, li permezz taghha ssollevat sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni hi nulla u inammissibbli stante li s-socjeta` rikorrenti effettivament kienet dehret u kkonkorriet fil-konkors minnha riferit fir-rikors promotur taghha, deciz fid-9 ta' Novembru, 2009;

2. Illi subordinatament il-gudizzju mhux integru stante kemm is-socjeta` ntimata kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kienu gew hemm gradwati;

3. Illi kreditur pretendent ma jistax jezercita tali azzjoni selettivament kontra wiehed mill-kredituri gradwati;

4. Illi anke mill-istess rikors guramentat promotur jirrizulta li l-kreditu tas-socjeta` ntimata jippregradwa dak tas-socjeta` ntimata;

5. Illi konsegwentement:

i. It-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

ii. Bl-ispejjez;

Rat il-verbal ta' din il-qorti diversament preseduta datat id-9 ta' Marzu, 2011, (ara fol 73), li permezz tieghu gie postulat li t-trattazzjoni thalliet ghall-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` ntimata, senjatament li l-azzjoni odjerna hi nulla u inammissibbli, u dan, ghar-raguni moghtija fl-imsemmija risposta tal-istess socjeta` ntimata;

Rat il-verbal taghha datat l-14 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu awtorizzat it-trattazzjoni skritta rigwardanti l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati, (ara fol 134);

Ezaminat id-dokumentazzjoni esebita mill-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet npprezentati mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza in dizamina hi limitata ghas-segwenti eccezzjonijiet preliminari:

1. In-nullita` u l-inammissibilita` tal-azzjoni stante l-partecipazzjoni tal-istess socjeta` rikorrenti fil-konkors ta' kredituri deciz bis-sentenza precitata tad-9 ta' Novembru, 2009;

2. Il-gudizzju mhux integru;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza tippernja fuq l-artikolu 417 tal-Kap 12 li sintetikament:

1. Jawtorizza lil kull persuna li ma tkunx dehret f'konkors ta' kredituri li tistitwixxi procedura biex id-drittijiet tieghu jigu stabbiliti bi preferenza, jew b'mod ugwali, ghal persuna li tkun pregradwata fil-procedura ta' konkors;

2. Persuni li ma jkunux originarjament ippartecipaw f'tali konkors ta' kredituri ghalhekk ma jigux pregudikati;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti s-socjeta` ntimata ssostni li s-socjeta` rikorrenti kienet effettivament gia` ppartecipat fil-konkors ta' kredituri li kien finalizzat b'sentenza appozita ta' din il-qorti diversament preseduta datata d-9 ta' Novembru, 2009, fl-ismijiet Bonello et vs Bank of Valletta et, (Rikors Numru 814/06), (ara fol 102 et sequitur);

Illi kif jirrizulta mill-imsemmija sentenza, l-partecipazzjoni tas-socjeta` rikorrenti fl-atti ta' dik il-procedura partikolari ghandu jkun pacifiku u m'ghandu johloq l-ebda kontroversja stante li dan il-fatt hu effettivament palezement indikat fl-istess sentenza meta gie ndikat li t-talba tal-istess socjeta` illum rikorrenti kienet giet espressament michuda, (ara fol 117);

Illi jirrizulta li l-istess socjeta` rikorrenti kienet ghalhekk ipprezentat rikors fil-21 ta' Mejju, 2009, ai termini tal-artikolu 416 tal-Kap 12, liema rikors kien hemm gie respint;

Ikkunsidrat:

Illi stabbilit dan, allura ghandu jkun ukoll logikament stabbilit li l-istess socjeta` rikorrenti hi prekluza milli tirrikorri ghall-artikolu 417 tal-Kap precitat stante li dan hu rizervat ghal dawk li jkunu jridu jittutelaw il-pozizzjoni taghhom meta ma jkunux ippartecipaw f'konkors ta' kredituri precedenti;

Illi hu biss f'dan il-kaz li l-"jus avocandi" hu koncess;

Illi meta wiehed ikun gia` ppartecipa f'konkors u nfilzat fir-rank lilu spettanti, ir-rikors ghall-artikolu 147 fuq citat ikun biss ammontanti ghall-abbuz tal-process gudizzjarju;

Illi kif ritenut mis-sentenza **Camilleri vs Mamo** noe tas-6 t'Ottubru, 1997, citata mill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata dan il-principju mhux biss hu limitat ghall-persuna li effettivament tippartecipa f'tali konkors, izda hi b'analogija estiza anke ghal min gialadarba jkun notifikat bl-ezistenza ta' tali konkors, liberament jaghzel li ma jippartecipax;

Illi nonostante cio`, jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti kienet ippartecipat fil-konkors originali fuq riferit – tant li anke ipprefigurat fis-sentenza riferita tad-9 ta' Novembru, 2009, u konsegwentement, kif irriteniet l-istess qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru, 1878, fl-ismijiet **Brincat vs Zammit** ukoll riferita mill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata, persuna fl-istess pozizzjoni identika tas-socjeta` rikorrenti hi prekluza milli timpunja l-azzjoni hawn minnha rivendikata;

Ghaldaqstant, din il-qorti, takkolji z-zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta` ntimata Bank of Valletta p.l.c. u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-azzjoni ntrapriza mis-socjeta` rikorrenti Park Hotel Limited hi nulla u inammissibbli;

2. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti ndikata fil-paragrafu precedenti.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------